

Brussell, 17 ta' Frar 2021
(OR. en, de, fr)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0235(NLE)

5916/21
ADD 1

RECH 46
COMPET 68
ATO 7
CADREFIN 50

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14217/20 RECH 537 COMPET 652 ATO 90 CADREFIN 467
Nru dok. Cion:	9868/18 RECH 273 COMPET 423 ATO 32 CADREFIN 80 + ADD 1-2
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha l-vantaġġi - <i>Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża</i> - <i>Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni tal-Lussemburgu</i>

Dikjarazzjoni għall-minuti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tal-proposta dwar l-

ITER

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tapprova l-abbozz ta' deċiżjoni dwar l-ITER u tagħmel id-dikjarazzjoni li ġejja għall-minuti:

Fuq il-bażi tal-Ftehim ITER tal-2006, kif affermat mill-ġdid mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' April 2018 (7881/18) dwar il-proġett ITER riformat, il-Ġermanja tappoġġa t-tlestija b'suċċess tal-proġett ITER.

Il-Ġermanja tqis l-ITER (u r-riċerka dwar il-fużjoni b'mod ġenerali) bħala proġett għal riċerka bażika fit-tul u orjentata lejn l-applikazzjoni. L-iskop tar-riċerka dwar il-ġenerazzjoni ta' enerġija mill-fużjoni huwa l-iżvilupp ta' sors ta' enerġija mingħajr l-użu ta' fjuwils fossili, li jkun affidabbli, sostenibbli u ekonomikament vijabbli. Jekk ir-riċerka tissarraf b'suċċess fl-applikazzjoni, dan is-sors ta' enerġija jkun disponibbli biss mill-2050 'il quddiem.

Il-motivazzjoni tal-Ġermanja - minbarra t-tranżizzjoni għal enerġija ekoloġika - hi li tesprimi r-responsabbiltà globali tagħha kif ukoll dik tal-Unjoni Ewropea biex inkomplu nimxu 'l quddiem fil-fehim tagħna tal-proċessi ta' fużjoni u biex dan l-għarfien xjentifiku eċċezzjonali nagħmluh disponibbli lid-dinja. Fid-dawl tad-domanda globali dejjem tikber għall-enerġija u l-istabbiliment ta' miri tal-politika internazzjonali dwar il-klima, il-Ġermanja tqis li hu kruċjali li jiġu esplorati firxa wiesgħa ta' alternattivi li jistgħu potenzjalment jagħmlu possibbli provvista ta' enerġija sostenibbli u mingħajr l-użu tal-karbonju fil-ġejjieni. L-enerġija mill-fużjoni tista' tkun waħda minn dawk l-alternattivi, u l-ITER qed jaħdem għaliha b'mod immirat.

Minkejja dan, il-Ġermanja tqis li hu xieraq li ma tingħata ebda rilevanza klimatika lill-ITER fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027. Dan għaliex l-ITER x'aktarx mhux ser jibda l-operat tiegħu qabel ma jikseb l-Ewwel Plażma fi tmiem l-2025. Għaldaqstant, il-Kummissjoni Ewropea, skont l-emenda għall-premessa 10 kif intlaħaq qbil dwarha issa, ma għandhiex tinkludi n-nefqa tal-UE fuq l-ITER bħala kontribuzzjoni għall-mira li tiġi dedikata tal-inqas 30 % tan-nefqa totali mill-baġit tal-UE u l-istrument Next Generation EU għal azzjoni relatata mal-klima. Wara l-kisba b'suċċess tal-Ewwel Plażma, il-kwistjoni tar-rilevanza klimatika tal-ITER għandha terġa' tiġi vvalutata hekk kif joqrob il-QFP għall-perijodu li jibda fl-2028.

Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha l-vantaġġi.

Il-Lussemburgu jibqa', b'mod ġenerali, ferm kritiku tal-finanzjament ta' attivitajiet ta' riċerka nukleari mill-Unjoni Ewropea. Il-Lussemburgu jixtieq li aktar finanzjament tal-UE jiġi dirett lejn enerġiji rinnovabbli fil-ġejjieni. Peress li l-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha l-vantaġġi ma tippromwovix li l-finanzjament jiġi dirett b'dan il-mod, il-pożizzjoni tal-Lussemburgu mhijiex ser tinbidel. Minkejja d-dubbi tiegħu dwar il-kontenut ta' din id-Deċiżjoni, il-Lussemburgu jinsab f'pożizzjoni li jirtira r-riżerva ġenerali tiegħu u għaldaqstant jastjeni mill-vot.